# L-Arċisqof Ġużeppi Mercieca

Kav. Stanley Mangion



Nhar il-21 ta' Marzu, 2016 tħabbret il-mewt tal-arċisqof emeritus Mons Ġużeppi Mercieca fl-għomor ta' 87 sena. Mons Mercieca kien is-suċċessur tal-arċisqof ta' Malta Mons Mikiel Gonzi u ħa t-tmexxija tal-arċidjoċeżi f'Settembru tas-sena 1976 u rtira l-veskovat tiegħu f'2006 meta kien għalaq il-75 sena. Ċertament l-episkopat ta' Mons Ġużeppi Mercieca kien episkopat imqalleb jew turbulenti ħafna. Fi żmien l-episkopat tiegħu, s-soċjetà Maltija biet tinbidel b'rata mill-iżjed mgħaġġla. Is-soċjetà ċivili bdiet titbiegħed sewwa mill-ideal nisrani. Malta żgur li ma baqgħetx *Cattolicissima* bejn għax ir-razez bdew jitħalltu ukoll hawn Malta minħabba l-globalizzazzjoni u kemm minħabba s-sekulariżmu sfrenat li beda jaħkem fuq il-Maltin minn wara l-kisba tal-Indipendenza. L-akbar snin iebsa għall-arċisqof Mercieca kienet il-pika li ħakmet lil Malta fuq il-kwistjoni tal-iskejjel tal-knisja. B'għaqal u għerf kbir Mons Mercieca kien il-protagonist għax biddel ir-rotta ta' din l-isfida nazzjonali billi ta lill-iskejjel tal-knisja direzzjoni ġdida miftuħa għal kulħadd.

Hawnhekk tajjeb li nġibu ftit dati tant importanti fil-ħajja ta' Mons Ġużeppi Mercieca biex inkunu nafuh anki mil-lat ta' storja. Mons Mercieca twieled fir-Rabat Għawdex nhar il-11 ta' Novembru 1928. Kien l-ewwel wild tal-koppja Saverio u Giovanna neè Vassallo. Ħa l-edukazzjoni kemm primarja kif ukoll sekondarja fis-seminarju t'Għawdex. Meta ddeċieda li jibda triqtu għas-saċerdozju mar jistudja Ruma fl-Università Gregorjana u fl-Università tal-Lateran fejn iggradwa fit-teoloġija u fil-liġi tal-Knisja kif ukoll kiseb diploma ta' avukat tas-*Sagra Rota Rumana*. Kien ordnat saċerdot mill-isqof t'Għawdex Mons Pietru Pace nhar it-8 ta' Marzu, 1952 fil-knisja ta' San Ġakbu flimkiem ma' Dun Saver Calleja. Ħadem għal xi żmien fit-Tribunal Matrimonjali f'Ruma fejn ta ukoll servizz pastorali f'diversi parroċċi. Fl-1959 reġa' ġie Għawdex fejn inħatar għalliem fis-seminarju minuri u għalliem

fis-seminarju maġġuri fejn għalliem it-teoloġijia u l-Liġi Kanonika. Inħatar ukoll rettur tas-seminarju kif ukoll kanċillier tal-Kurja tad-djoċeżi t'Għawdex. Fl-1969 il-Papa Pawlu VI sejjaħlu Ruma biex ikun Imħallef tas-*Sagra Romana Rota*, tribunal li jittratta ż-żwiġijiet u d-drittijiet tal-bniedem. Fis-sena 1974, Mons Ġużeppi Mercieca kien magħżul Isqof Awziljarju tal-arċisqof Mikiel Gonzi u isqof ta' Gemellae, fin-Numidja. Illum il-parti kbira tan-Numidja hi fl-Alġerija waqt li parti żgħira hi fit-Tuneżija. Qabel Kristu, in-Numidja kienet tifforma sehem mir-renju Libjan. Mons Mercieca kien ikkonsagrat isqof nhar id-29 ta' Settembru, 1974 mill-arċisqof innifsu Mikiel Gonzi megħjun mill-isqof t'Għawdex Mons Nikol Cauchi u Mons isqof Francesco Ricceri, isqof ta' Trapani u Imħallef fis-*Sagra Romana Rota*.

Nhar il-festa ta' Kristu Sultan tas-sena 1976, Arċisqof Mikiel Gonzi ħabbar li kien se jirtira minn arċisqof issa li kien għalaq il-91 sena. L-isqof Mercieca kien magħżul mis-santa sede bħala l-arċisqof il-ġdid ta' Malta. Fit-12 ta' Diċembru, 1976 l-isqof Mercieca ħa l-pussess tiegħu bħala arċisqof ta' Malta fil-Katidral tal-Mdina. Kien hemm preżenti l-arċisqof Agostino Casaroli li dak iż-żmien kien is-Segretarju għall-Affarijiet Pubbliċi tas-Santa Sede. L-assenza tal-Prim Ministru Dom Mintoff kienet evidenza ċara ta' nuqqas ta' qbil fil-għażla tal-arċisqof il-ġdid.

## L-Arċisqof Mercieca kif narah jien

Naħseb li jkun xieraq li nitkellmu xi ftit fuq il-kwalitajiet sbieħ li bihom kien imżejjen l-arċisqof Ġużeppi Mercieca. Mons Mercieca ħaddem dawn il-kwalitajiet sbieħ li kellu mhux għall-ġid tiegħu nnifsu imma biex fil-problemi li ltaqa' magħhom tul il-veskovat tiegħu jużahom biex kollox jasal fi tmiemu b'wiċċ il-ġid għall-benefiċċju spiritwali u materjali tal-poplu Malti kollu bla ebda għażliet. Insemmu l-ewwel u qabel kollox l-għerf li bih kien imżejjen l-arċisqof Ġużeppi Mercieca. Il-fatt biss li studja f'żewġ universitajiet ta' fama hekk kbira, jiġifieri l-Gregorjana u l-Lateran hi tifsira minn dawl id-dinja tal-ħilijiet intellettwali tiegħu. Is-seminarista Ġużeppi dejjem ġab riżultati mill-aktar sbieħ li tawh stima u apprezzament. Ċertament kellu livell ta' IQ kbir, memorja tassew tajba u ħilijiet speċjali biex jifhem sitwazzjonijiet kumplessi ħafna. Kien bniedem ta' oriġinalità kbira fl-ideat tiegħu. Kien bniedem ta' għerf kbir u fl-għerf kbir li kellu kien jaf ifittex soluzzjonijiet. Ma kienx jispiċċa f'staġnar. Kien bniedem ta' tmexxija jew *leadership* kbir ħafna. L-avversarji tiegħu spiċċaw jħaqquha miegħu u jew waqfu hemm jew spiċċaw fit-tgħajjir u l-insulti. Mill-banda l-oħra, l-arċisqof Ġużeppi Mercieca qatt ma ġġieled mal-avversarji tiegħu. Dejjem baqa' miexi waqt li joffri alternattivi ta' ideat biex tinħall il-problema.

Dan il-bniedem għaref kien fl-istess ħin bniedem kawt imma li qatt ma raqad. Qatt ma fittex l-għaġla żejda biex jaġixxi. Mons arċisqof Mercieca kien jifhem li għaġla żejda żgur li ssaħħan il-qiegħa u flok li ssaltan ir-raġuni jibdew isaltnu s-sentimenti ħżiena tal-qalb bħalma huma t-tgħajjir u l-insulti u hekk jinħoloq staġnar, għira u pika u kif jgħid il-Malti "il-piki jaqtgħu l-aptiti' u jien inżid il-kreattività. Kien iħobb jieħu ż-żmien tiegħu biex jirrifletti u jixtarr għax 'qattusa għaġġelija frieħ għomja jkollha'. Kien hemm min riedu jgħaġġel biex iħawwad u Mons Mercieca qatt ma daħal f'din in-nasba. Kien bniedem diplomatiku ħafna, jaf juża moħħu u jaf jiżen u jqis. Ma kienx jara b'xubbru biss imma kien jifhem il-komplessività tal-problemi. Meta mbagħad kien jiddeċiedi kien iżomm mad-deċiżjonijiet tiegħu u żgur li kienu jkunu deċiżjonijiet tajbin.

Mons Arċisqof Mercieca kien bniedem ta' qalb ħanina u bniedem li jaf japprezza. Kien

jiġġieled kull forma ta' dnub imma ma kienx jiġġieled lill-midneb. Kien jiġġieled il-problemi. Imma qatt ma ġġieled ma' min kien joħloqlu l-problemi. Qatt ma nfexx f'negattività personali. Jekk kien bniedem li jnissel dixxiplina qatt ma ħallat l-azzjoni mal-personalità. Dejjem għaraf id-dinjità tal-persuna umana, ppriedkaha u ddefendiha qatigħ. Għannaq lit-tfal. Ħeġġeġ lill-ħabsin u lill-emarġinati. Bies lill-ħandikappati. Għen lill-foqra. Meta ltaqa' ma' inċident tat-traffiku ma ddejjaqx u ma beżgħax jieqaf jagħti l-għajnuna tiegħu. Kien jaf japprezza lil dawk kollha li juruh l-iċken rispett. Ma kienx jiddejjaq jgħid grazzi. Anzi l-kelma grazzi kienet dejjem f'ilsienu biex juri kemm ħa pjaċir meta xi ħadd kien jurih l-iċken apprezzament.

Kien bniedem li jħobb il-kwiet minn kull lat. Qatt ma xtaq dimostrazzjonijiet. Niftakar li xi darba xtaqna nuru apprezzament fil-beraħ. Ħelu ħelu, roddilna ħajr minn qiegħ qalbu għal dak kollu li xtaqna nagħmlu biex nuruh l-apprezzament tagħna lkoll. Imbagħad bl-akbar ġentilezza qalilna biex ninġabru d-dar mal-familji tagħna. Ħafna jiftakru ż-żmien drammatiku tat-tkissir tal-Kurja Arċiveskovili. Mons Mercieca l-ewwel ħaġa appella biex kulħadd jinġabar id-dar ħalli ma jweġġa' ħadd mill-ħaddiema. Wara dan l-avveniment li baxxiena mal-erbat irjieħ tad-dinja, l-arċisqof Mercieca talab għall-kalma, għall-maħfra u għat-talb.

Iva, l-aktar karatteristika li kienet tispikka f'dan l-arċisqof hu t-talb, l-umiltà u l-qdusija. Dwar it-talenti sbieħ tiegħu qal hekk, "F'Ruma xrobt ħafna mill-għerf ta' ħafna nies kbar: kbar fl-ispiritwalità tagħhom u kbar ukoll fix-xjenza. Kienu persuni ta' integrità li għallmuni wkoll inħobb, nifhem, nagħder, ma ngħaġġilx u ngħin lil min ikun għaddej minn xi diffikultà fil-ħajja nisranija.' Donnu qed jgħidilna li t-talenti sbieħ li kellu ma kinux tiegħu, imma għaddewhomlu. Wiċċu kien jixgħel bil-qdusija. Minkejja li kien bniedem mogħni b'tant talenti sbieħ qatt ma ppontifika lilu nnifsu. Dejjem enfasizza l-ħtieġa tat-talb u l-għaqda m' Alla. Il-ġabra spiritwali li biha kien ifakkar l-Ewkaristija kienet tirradja ruħha fost il-fidili kollha. Mons Mercieca kien jemmen bis-sħiħ li l-Ewkaristija kienet il-punt ta' tluq ta' kull ħidma.

Hemm ħafna u ħafna aktar karatteristiċi sbieħ li wieħed jista' jelenka fil-ħajja tal-arċisqof Ġużeppi Mercieca. Kont mitlub li nżomm rażan fit-tul tal-kitba tiegħu. Nittama li tajt stampa li tixraq lil dan l-arċisqof kbir li tant ħadem għall-merħla fdata f'idejh. Kemm għandna għax induru lejn Alla u ngħidulu grazzi mill-qalb li tana tant profeti kbar, għaqlin u qaddisin biex imexxuna fil-ħajja spiritwali tagħna. Issa jmiss lilna biex nimxu wara t-tagħlim u wara l-eżempji tant sbieħ ta' dawn in-nies li dejjem kienu għas-servizz tagħna spiritwali.

